# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru, 2018

**Kawża Numru 22 (Kost.)**

**Rik. Nru. 43/16JRM**

Mario **BORĠ**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta' Mejju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li ż-żamma tiegħu fil-ħabs minkejja s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l hemm imsejħa "Q.E.D.B.") fit-12 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet "*Borġ vs Malta*" qiegħed jiksirlu l-jeddijiet fundamentali tiegħu li ma jkunx imċaħħad mil-libertà u li jingħata smigħ xieraq kif imħarsin

fl-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") u fl-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Konvenzjoni"); (ii) issib li n-nuqqas min-naħa tal-iStat Malti li jagħmel liġi biex toffri r-rimedju tar-ritrattazzjoni wkoll f'każijiet maqtugħa minn Qrati ta' kompetenza kriminali jiksrulu l-jedd tiegħu għal rimedju effettiv taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni; u (iii) tagħmel dawk l-ordinijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tiegħu kif imħarsa bis-saħħa tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni, magħduda t-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-proċeduri kriminali tiegħu u/jew billi tordna l-ħelsien tiegħu mil-Faċilità Korrettiva f'Kordin u tqegħedu fil-pożizzjoni li kien jinsab fiha qabel ma ta l-istqarrija lill-Pulizija. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Mejju, 2016, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2016, u ordnat in-notifika lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fid-19 ta' Mejju, 2016, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi eċċepixxa l-ġudikat safejn l-azzjoni tar-rikorrenti hija maħsuba li tistħarreġ l-ilmenti tiegħu ta' ksur taħt l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni, ladarba dwarhom kien ressaq kawża quddiem il-Qrati ta' kompetenza kostituzjonali li taw sentenzi sewwasew dwar tali lmenti. Jeċċepixxi wkoll il-ġudikat fir-rigward tal-ilment tiegħu taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, ladarba l-Q.E.D.B. fis-sentenza tagħha fil-każ tiegħu kienet qieset tali lment tiegħu bħala wieħed mhux ammissibbli. Huwa jgħid li l-istess ħaġa tgħodd għall-istħarriġ ta' x'imissu jkun ir-rimedju xieraq għas-sejbien ta' ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan billi kien l-istess rikorrent li naqas li jġib il-provi meħtieġa fil-kawża tiegħu quddiem il-Q.E.D.B. Dwar ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, l-intimat jilqa' billi jgħid li kieku, għall-finijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni, il-Q.E.D.B. riedet tagħti dak ir-rimedju ma kien hemm xejn x'iżommha milli tagħmel dan: minflok, għażlet mod ieħor u ordnat biss il-ħlas ta' kumpens fi flus, tant li kellha tkun l-opinjoni ta' wieħed mill-imħallfin f'dik il-kawża[1] li wera għaliex ma qabilx mal-bqija ta' dik il-Qorti li ma ordnatx is-smigħ mill-ġdid tal-każ tar-rikorrent. Dwar l-ilmenti tar-rikorrent imsejsa fuq ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u 34 tal-Kostituzzjoni, jilqa' billi jgħid li dawn huma għal kollox infondati minħabba li r-rikorrent mhuwiex miżmum f'ħabs b'mod illegali, imma b'riżultat ta' sentenzi li sabuh ħati wara proċess li tmexxa b'ħarsien tal-liġi quddiem qrati imparzjali u indipendenti, kif jaħsbu l-artikoli 5(1)(a) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni. Il-fatt li s-sentenza tal-Q.E.D.B. sabet li r-rikorrent ġarrab

[1] Dan jirreferi għall-"*partly concurring and partly dissenting opinion*" tal-imħallef Paulo Pinto de Albuquerque mehmuż ma-sentenza ewlenija

ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ma jfissirx li l-proċess kollu li sar quddiem il-qrati Maltin ta' kompetenza kriminali kien ukoll jikser dak il-jedd jew li s-sentenza ta' ħabs mogħtija minn dawk il-qrati kienet waħda li ġġib illegali ż-żamma tiegħu fil-ħabs, billi d-detenzjoni wara sentenza titqies bħala illegali jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm ksur flagranti tal-ġustizzja u mhux jekk ikun hemm biss nuqqas proċedurali. Iżid jgħid li s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent ma kienx żgur mibni fuq dak li qal fl-istqarrija, għaliex f'dik l-istqarrija kien ċaħad għal kollox kull ħtija: l-atti jixhdu li s-sejbien ta' ħtija kien ġej mis-saħħa ta' provi oħrajn li kienu tressqu mill-prosekuzzjoni. Lanqas ma hemm xi raġuni tajba biex twassal għat-tħassir tas-sentenzi li bihom ir-rikorrent instab ħati, għaliex dawn bl-ebda mod ma huma riżultat tal-ksur li r-rikorrent seta' ġarrab taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta ma kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u meta ta l-istqarrija. Temm jgħid li mkien ma hemm stabbilit fil-Konvenzjoni l-jedd għal smigħ mill-ġdid ta' kawża;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2016[2], li biha qalu li ma jsibux oġġezzjoni li din il-kawża tkompli tinstema' mill-Qorti kif presjeduta, minkejja li l-imħallef kien wieħed mill-imħallfin li taw is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ tar-rikorrent;

Rat il-provvediment mogħti minnha waqt is-smigħ tal-14 ta' Ġunju, 2016[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba tar-rikorrent b'rikors tiegħu tas-6 ta' Mejju, 2016, għall-għoti ta' rimedju provviżorju ta' skarċerazzjoni;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2016, li bih ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-Att tal-Akkuża numru 13 tal-2006;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fit-23 ta' Awwissu, 2016[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-6 ta' Ottubru, 2016[5], bi tweġiba għal dik tal-intimat;

Rat in-Nota ta' Replika mressqa mill-intimat fid-19 ta' Ottubru, 2016[6];

---

[2] Paġ. 102 tal-proċess
[3] Paġġ. 105 – 110 tal-proċess
[4] Paġġ. 113 sa 132 tal-proċess
[5] Paġġ. 135 sa148 tal-proċess
[6] Paġġ. 150 – 6 tal-proċess

Rat l-atti tal-kawża u dawk rilevanti tal-Att tal-Akkuża numru 13 tal-2006 relattivi għar-rikorrent;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li qiegħed iġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu minkejja li sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. fit-12 ta' Jannar, 2016, sabet li huwa kien ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq skond l-artikolu 6(3) b'rabta mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minħabba li ma kienx mgħejjun minn avukat waqt li kien inżamm b'arrest mill-Pulizija u fil-ħin li ħalla l-istqarrija tiegħu waqt l-interrogazzjoni. Huwa jgħid li qiegħed iġarrab (i) ksur tal-jedd tiegħu għall-ħarsien mill-arrest illegali (artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u artikolu 5 tal-Konvenzjoni) minħabba li xorta waħda għadu qiegħed jinżamm il-ħabs; (ii) ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq (artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni); u (iii) ksur tal-jedd għal rimedju effettiv (artikolu 13 tal-Konvenzjoni) minħabba li s-sistema proċedurali f'Malta ma jagħtix azzjoni ta' smigħ mill-ġdid (ritrattazzjoni) ta' każ maqtugħ minn Qrati ta' kompetenza kriminali. Għalhekk, huwa qed jitlob li, filwaqt li l-Qorti tagħraf li qiegħed iġarrab tali ksur tal-jeddijiet tiegħu, issib ukoll li n-nuqqas tal-awtoritajiet Maltin li jipprovdu għall-proċedura ta' ritrattazzjoni tissarraf f'ċaħda ta' għoti ta' rimedju effettiv. Irid li, fost ir-rimedji li din il-Qorti tqis bħala xierqa għall-każ tiegħu, tħassar is-sentenzi mogħtijin mill-qrati ta' kompetenza kriminali u terġa' tqiegħdu fl-istess pożizzjoni li kien qabel ingħataw;

Illi għal din l-azzjoni l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi eċċepixxa l-ġudikat safejn l-azzjoni tar-rikorrenti hija maħsuba li tistħarreġ l-ilmenti tiegħu ta' ksur taħt l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni, ladarba dwarhom kien ressaq kawża quddiem il-Qrati ta' kompetenza kostituzjonali li taw sentenzi sewwasew dwar tali lmenti. Jeċepixxi wkoll il-ġudikat fir-rigward tal-ilment tiegħu taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, ladarba l-Q.E.D.B. fis-sentenza tagħha fil-każ tiegħu kienet qieset tali lment tiegħu bħala wieħed mhux ammissibbli. Huwa jgħid li l-istess ħaġa tgħodd għall-istħarriġ ta' x'imissu jkun ir-rimedju xieraq għas-sejbien ta' ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan billi kien l-istess rikorrent li naqas li jġib il-provi meħtieġa fil-kawża tiegħu quddiem il-Q.E.D.B. Dwar ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, l-intimat jilqa' billi jgħid li kieku, għall-finijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni, il-Q.E.D.B. riedet tagħti dak ir-rimedju ma kien hemm xejn x'iżommha milli tagħmel dan: minflok, għażlet mod ieħor u ordnat biss il-ħlas

ta' kumpens fi flus, tant li kellha tkun l-opinjoni ta' wieħed mill-imħallfin f'dik il-kawża li wera għaliex ma qabilx mal-bqija ta' dik il-Qorti li ma ordnatx is-smigħ mill-ġdid tal-każ tar-rikorrent. Dwar l-ilmenti tar-rikorrent imsejsa fuq ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u 34 tal-Kostituzzjoni, jilqa' billi jgħid li dawn huma għal kollox infondati minħabba li r-rikorrent mhuwiex miżmum f'ħabs b'mod illegali, imma b'riżultat ta' sentenzi li sabuh ħati wara proċess li tmexxa b'ħarsien tal-liġi quddiem qrati imparzjali u indipendenti, kif jaħsbu l-artikoli 5(1)(a) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni. Il-fatt li s-sentenza tal-Q.E.D.B. sabet li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ma jfissirx li l-proċess kollu li sar quddiem il-qrati Maltin ta' kompetenza kriminali kien ukoll jikser dak il-jedd jew li s-sentenza ta' ħabs mogħtija minn dawk il-qrati kienet waħda li ġġib illegali ż-żamma tiegħu fil-ħabs, billi d-detenzjoni wara sentenza titqies bħala illegali jekk kemm-il darba jintwera li jkun hemm ksur flagranti tal-ġustizzja u mhux jekk ikun hemm biss nuqqas proċedurali. Iżid jgħid li s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent ma kienx żgur mibni fuq dak li qal fl-istqarrija, għaliex f'dik l-istqarrija kien ċaħad għal kollox kull ħtija: l-atti jixhdu li s-sejbien ta' ħtija kien ġej mis-saħħa ta' provi oħrajn li kienu tressqu mill-Prosekuzzjoni. Lanqas ma hemm xi raġuni tajba biex twassal għat-tħassir tas-sentenzi li bihom ir-rikorrenti nstab ħati, għaliex dawn bl-ebda mod ma huma riżultat tal-ksur li r-rikorrent seta' ġarrab taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta ma kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u meta ta l-istqarrija. Temm jgħid li mkien ma hemm stabbilit fil-Konvenzjoni l-jedd għal smigħ mill-ġdid ta' kawża;

Illi l-<u>fatti rilevanti li jirrigwardaw dan il-każ</u> juru li fis-16 ta'April tal-2003, ir-rikorrent kien arrestat mill-Pulizija b'rabta ma' sejbien ta' kapsuli bid-droga li ddaħħlu f'Malta minn persuni li kienu għadhom jaslu mit-Turkija u li kienu arrestati lejliet minn ġo post f'San Ġiljan mal-wasla tagħhom f'Malta[7]. B'dawn l-arresti, il-Pulizija għarrfu lill-Maġistrat tal-Għassa, li ordnat lill-uffiċjal tal-Pulizija li kien qiegħed jagħmel l-istħarriġ biex iżomm aċċess fuq il-post u ħatret xi esperti biex jgħinuha fl-inkjesta. Sadattant, ir-rikorrent inżamm arrestat taħt il-kustodja tal-Pulizija;

Illi fis-17 ta' April, 2003, waqt li kien qiegħed ikun interrogat u wara li kien imwissi li seta' ma jgħid xejn u li kulma jgħid seta' jintuża bħala prova kontrih, għall-ħabta tas-14.15 ir-rikorrent kien ta stqarrija lill-Pulizija bla ma kien mgħejjun minn avukat, iżda għażel li ma jiffirmahiex[8]. L-istqarrija temm jagħtiha fil-16.45;

Illi dakinhar stess il-Pulizija talbu lill-Qorti biex tawtorizża l-ftuħ tal-Qorti u tard filgħaxija r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-

---

[7] Ara x-xhieda tal-Ispett. Nezren Grixti f'paġġ. 170 – 2 tal-atti tal-Kumpilazzjoni
[8] Dok f'paġġ. 1H – 1K tal-atti tal-Kumpilazzjoni

Maġistrati (Malta) bħala Qorti Inkwirenti u mixli b'għadd ta' reati marbuta ma' pussess mhux għal użu personali u traffikar ta' droga, u assoċjazzjoni ma' ħaddieħor fit-twettiq ta' dawk ir-reati[9]. Dak il-ħin, ir-rikorrent kien mgħejjun minn avukat u wieġeb li ma kienx ħati tal-akkużi mressqa kontrih;

Illi b'ordni li jġib dik l-istess data[10] u għall-finijiet tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali ordna biex il-każ tar-rikorrent jitmexxa quddiem il-Qorti Kriminali;

Illi, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Maġistrat Inkwirenti irrediġiet il-proċess verbal u għalqet l-inkjesta fit-23 ta' April, 2003[11];

Illi b'degriet tat-23 ta' Ġunju, 2003[12], il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tar-rikorrent għall-ħelsien mill-arrest preventiv u għamlet kundizzjonijiet b'rabta mal-istess;

Illi fl-14 ta' Ġunju, 2006[13], l-intimat Avukat Ġenerali ħareġ Att ta' Akkuża bi tliet (3) kapi ta' akkuża[14];

Illi fit-13 ta' Lulju, 2006[15], ir-rikorrent ressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet preliminari dwar l-Att tal-Akkuża;

Illi f'Jannar tal-2008, ir-rikorrent għadda ġuri u b'verdett ta' tmien (8) voti favur u vot (1) kontra, instab ħati tal-Ewwel u t-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuża u b'seba' (7) voti favur u tnejn (2) kontra, instab ħati tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża[16]. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2008[17], il-Qorti Kriminali ikkundannat lir-rikorrent għall-piena ta' wieħed u għoxrin (21) sena ħabs, li minnu kellu jinqata' ż-żmien li qatta' taħt arrest preventiv b'rabta mar-reati li kien mixli bihom u immultat sebgħin elf euro (€ 70,000), minbarra li ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti u ġid li bihom saru r-reati u l-ġid u l-proprjeta' mobbli u immobbli tiegħu;

Illi fis-6 ta' Frar, 2008[18], ir-rikorrent appella mis-sentenza;

Illi fid-9 ta' Settembru, 2008, ir-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jogħġobha tirreferi l-kwestjoni lill-Prim'Awla

[9] Dok f'paġġ. 1A – 1B tal-atti tal-Kumpilzzjoni
[10] Dok "CSH1", f'paġ. 12 tal-atti tal-Kumpilazzjoni
[11] Dok f'paġġ. "1V"
[12] F'paġ. 14 tal-Att tal-Akkuża
[13] Nru. 13/2006
[14] Paġġ. 1 – 3 tal-Att tal-Akkuża
[15] Paġġ. 9 – 10 tal-Att tal-Akkuża
[16] Paġ. 137 tal-Att tal-Akkuża
[17] Paġġ. 140 – 8 tal-Att tal-Akkuża
[18] Paġġ. 151 sa 164 tal-Att tal-Akkuża

tal-Qorti Ċivili fl-kompetenza kostituzzjonali tagħha, minħabba lment ta' ksur ta' jedd fundamentali tiegħu minħabba li l-Qorti Kriminali kienet ħaddmet id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Ċivili b'effett retroattiv bi ħsara għalih. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, għar-raġunijiet imsemmijin minnha fi provvediment mogħti fl-20 ta' Novembru, 2008, ċaħdet it-talba tar-rikorrent għar-riferenza bħala waħda fiergħa u vessatorja;

Illi ftit jiem wara[19], ir-rikorrent fetaħ kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) b'ilment ta' ksur ta' jedd fundamenatli għal smigħ xieraq fuq l-istess kwestjoni li dwarha kien talab li l-Qorti tal-Appell Kriminali biex tagħmel Riferenza;

Illi b'sentenza mogħtija fl-24 ta' April, 2009, din il-Qorti (diversament presjeduta) u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Ir-rikorrent appella mill-imsemmija sentenza għal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2009, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell tar-rikorrent u ikkonfermat is-sentenza appellata;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2011[20], u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appell tar-rikorrent mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali ma ntlaqax (għajr għall-aggravju dwar l-akkuża miġjuba fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża) u l-piena kienet ikkonfermata;

Illi fit-12 ta' Settembru, 2011[21], ir-rikorrent fetaħ kawża oħra quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) b'ilment ta' ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-artikolu 6(1) tal-istess fl-imsemmija proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali u, fost l-oħrajn, talab li s-sentenzi mogħtijin kontrih jitħassru u l-Qorti tordna li jsir is-smigħ mill-ġdid tal-każ tiegħu. B'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 2012, u għar-raġunijiet hemm imfissra, it-talbiet tiegħu kienu miċħuda;

Illi r-rikorrent appella minn dik is-sentenza. Iżda b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar, 2013[22], u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appell tar-rikorrent ma ntlaqax u s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet konfermata;

---

[19] Rik. Kost. Nru. 60/08TM
[20] Dok "AG1", f'paġġ. 24 sa 43 tal-proċess
[21] Rik. Kost.Nru. 57/11AE
[22] Dok "AG2", f'paġġ. 44 sa 55 tal-proċess

Illi fit-28 ta' Mejju tal-2013, ir-rikorrent ressaq talba quddiem il-Q.E.D.B. li fiha lmenta minn ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-artikolu 6(1) minħabba li ma kienx mgħejjun minn avukat waqt li kien arrestat matul l-investigazzjoni u minn ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minħabba deċiżjonijiet ma jaqblux tal-Qrati kostituzzjonali;

Illi b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Jannar, 2016[23], u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Q.E.D.B. sabet li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni dwar in-nuqqas ta' għajnuna minn avukat waqt l-interrogatorju, imma ma sabitx ksur tal-artkolu 6(1) dwar l-ilment tiegħu dwar nuqqas ta' qbil fis-sentenzi tal-qrati kostituzzjonali. Qatgħet ukoll li ma kienx meħtieġ tqis l-ilment tiegħu ta' ksur tal-artikolu 6(1) b'riferenza għall-istqarrijiet magħmula minn xhieda fil-każ tiegħu u li l-ilmenti ta' ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikoli 13 u 14 tal-Konvenzjoni b'rabta mal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 6(1) ma kinux ammissibbli. B'dik is-sentenza, ir-rikorrent ingħata kumpens ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) f'danni mhux pekunjarji u illikwidat is-somma ta' elfejn mija u ħamsa u tmenin euro (€ 2,185) bħala spejjeż tal-kawża;

Illi fis-6 ta' Mejju, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti tibda l-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta ma' dan il-każ billi tirreferi għall-**eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-intimat dwar il-ġudikat. Fl-eċċezzjoni mesmmija[24] l-intimat jgħid li wħud mill-ilmenti mqajma mir-rikorrent kienu tqajmu minnu fil-proċeduri kostituzzjonali li kien fetaħ qabel u kif ukoll fl-istess kawża li fetaħ quddiem il-Q.E.D.B. u bis-sentenzi li ngħataw inħalaq il-ġudikat. B'mod partikolari, huwa jgħid li ngħataw sentenzi definittivi f'dak li jirrigwarda l-ilment tal-jedd ta' ksur ta' smigħ xieraq minħabba li r-rikorrent ma kienx mgħejjun minn avukat waqt l-interrogatorju; l-istess jgħid dwar jekk hix mistħoqqa t-talba tiegħu għal rimedju effettiv taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni; u jgħid li josta wkoll il-ġudikat fir-rigward tar-rimedju li jixraqlu jingħata. L-intimat jgħid għalhekk li din il-Qorti ma jmisshiex terġa' tqis l-istess ħwejjeġ mill-ġdid. Huwa jerġa' jtenni l-istess eċċezzjoni b'argumenti mirquma fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[25];

Illi bla ma toqgħod tidħol f'sensiela ta' kunsiderazzjonijiet dwar l-elementi u s-siwi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, din il-Qorti jidhrilha li minħabba l-mod kif inhi mfassla l-eċċezzjoni preliminari, mhux il-każ li tqisha b'mod ġenerali u għal rasha. Dan tgħidu għaliex huwa ċar li l-eċċezzjoni nnifisha

[23] Dok "AG3", f'paġġ. 56 sa 90 tal-proċess
[24] F'§§ 2 – 4 tat-Tweġiba f'paġ. 18 tal-proċess
[25] §§ 26 sa 33 f'paġġ. 116 – 8 tal-proċess

tillimita l-firxa tagħha għal uħud biss mill-ilmenti u mit-talbiet imressqa mir-rikorrent u mhux għall-mertu kollu tal-azzjoni tiegħu. Minħabba f'hekk, il-Qorti sejra terġa' tikkunsidra l-eċċezzjoni aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, jekk ikun il-każ, taħt it-taqsimiet differenti tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq**, l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u wkoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi safejn huma rilevanti għall-każ tallum, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*.. .. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi safejn rilevanti għall-każ tallum, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..; (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi; (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter*

*alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[26];

Illi r-rikorrent jgħid li, minħabba li issa għandu konferma bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, isegwi li dik id-dikjarazzjon ttebba' s-siwi tal-proċediment kollu li ttieħed kontrih quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali. Jgħid, għalhekk, li jekk kellu jibqa' mhux mibdul l-eżitu ta' dawk il-proċeduri, il-ksur li sabet il-Q.E.D.B. jibqa' jittenna bi ħsara għalih;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid li meta l-Q.E.D.B. tat is-sentenza tagħha hija sabet biss li r-rikorrent kien ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq safejn kien imċaħħad mill-għajnuna ta' avukat waqt li kien interrogat u meta ta l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija. Jgħid li mkien, fl-imsemmija sentenza, ma saret xi ċensura fuq il-mod kif il-Qrati ta' kompetenza kriminali mexxew il-każ tiegħu jew fuq is-saħħa u s-siwi tas-sentenzi rispettivi mogħtijin minnhom. Wisq anqas qalet li l-każ tiegħu kellu jerġa' jinstema' mill-ġdid wara li jitħassru s-sentenzi mogħtijin. L-intimat jgħid li kieku tassew dak kien il-każ, ir-rikorrent ma kienx ikollu għalfejn jiftaħ din il-kawża, imma kien jinqeda bil-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u jitlob l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Q.E.D.B. quddiem il-Qorti xierqa. Minħabba f'dan kollu, l-intimat jgħid li din il-Qorti hija miżmuma milli tqis l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur ta' jedd tiegħu għal smigħ xieraq minħabba li dawn il-kwestjonijiet ġew determinati b'sentenzi – kemm dawk ta' Qrati f'Malta u kemm tal-istess Q.E.D.B. – li saru ġudikat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq, il-Qorti ssib li f'din il-kawża ma ngħatat minnu l-ebda kawżali ġdida li fuqha tista' tqis jekk seħħx tassew tali ksur. Il-proċediment ġudizzjarju mniedi kontrih intemm bl-għoti tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'Mejju tal-2011, u minn dakinhar 'l hemm ma sar l-ebda proċediment ieħor li żied ma' jew bidel id-deċiżjoni aħħarija li ttieħdet. Fil-kawża l-oħra li fetaħ[27] quddiem il-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali, il-kwestjoni tas-siwi tal-proċedimenti li seħħew quddiem il-Qorti Kriminali f'Jannar tal-2008 u mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'Mejju tal-2011, l-ilmenti tiegħu dwarhom u dwar is-siwi tas-sentenzi mogħtijin minn dawk il-Qrati ma ntlaqgħux[28]. Dawk is-sentenzi tal-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali saru ġudikat u s-sentenza tal-Q.E.D.B. ma

[26] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), paġ. 631

[27] Jiġifieri r-Rik. Kost. 57/11AE

[28] Fost it-talbiet li ressaq f'dik il-kawża hemm dik li trid li "*fil-proċeduri fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Borġ' deċiża minn l-Appell fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u ħdax (2011) ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu*" (l-ewwel talba); u oħra li trid li "*Tagħti rimedju effettiv u opportuni fiċ-ċirkostanzi nkluż iżda mhux biss id-dikjarazzjoni tal-estinzjoni tal-proċeduri suriferiti u kumpens pekunjarju*" (it-tielet talba). Iż-żewġ talbiet ma ntlaqgħux

tgħid xejn li jattakka s-siwi tagħhom. Għalhekk, safejn l-azzjoni tar-rikorrent taħt dan l-ilment trid li jinfetaħ mill-ġdid l-istħarriġ tas-siwi ta' dawk is-sentenzi, josta l-ġudikat imsemmi u, minn dan l-aspett, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat hija tajba;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu[29] r-rikorrent jgħid li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma hijiex tajba. Jisħaq li żgur ma jistax ikun li s-sentenzi mogħtijin mill-Qrati Maltin ta' kompetenza kostituzzjonali fil-każ tiegħu ma jistgħux jitqiesu li joħolqu l-ġudikat li jżommu milli jressaq l-ilment tiegħu dwar ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Biex isaħħaħ dan l-argument, jgħid li hija s-sentenza tal-Q.E.D.B. jekk xejn, li taħlaq il-ġudikat fil-konfront tas-sentenzi msemmija;

Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aħħar argument tar-rikorrent huwa l-prova tas-siwi tal-eċċezzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex, ukoll jekk is-sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. kellha titqies bħala kostitutiva ta' ġudikat fil-konfront tas-sentenzi mogħtijin mill-Qrati Maltin ta' kompetenza kostituzzjonali, dan ma jibdel xejn mill-fatt li l-ilment fil-kawżi kollha msemmija kien wieħed – dak ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba l-istqarrija mogħtija mingħajr ma tħalla jkun mgħejjun minn avukat. Huwa l-istess ilment li jsejjes il-kawża tallum;

Illi f'dan ir-rigward, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tliet elementi li jikkostitwixxu l-eċċezzjoni tal-ġudikat jirriżultaw. Fl-ewwel lok, hemm l-identità tal-partijiet ("*eadem personae*") f'din il-kawża ma' l-oħrajn bis-sentenzi mogħtijin mill-Qrati ta' kompetenza Kostituzzjonali u wkoll minn dik mogħtija mill-Q.E.D.B. Fit-tieni lok, il-mertu tal-ilment tar-rikorrent f'din il-kawża huwa wkoll l-istess ("*eadem res*"), billi jdur mal-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija meħuda mingħajr ma r-rikorrent kien mgħejjun minn avukat. Fit-tielet lok, ir-raġuni tat-talba wkoll hija l-istess ("*eadem causa petendi*") bħal dik li dwarha l-Qrati Maltin ta' kompetenza kostituzzjonali ntalbu u diġà taw il-fehma tagħhom;

Illi jekk, min-naħa l-oħra, l-ilment tar-rikorrent taħt dan il-jedd għal smigħ xieraq jirrigwarda l-kwestjoni ta' aċċess għal qorti billi f'Malta ma hawnx sistema formali ta' proċedura ta' smigħ mill-ġdid ta' każijiet maqtugħa minn Qorti ta' kompetenza kriminali, dan mhuwiex ilment li jaqa' fil-qafas tal-proċeduri li kien ressaq qabel u tas-sentenzi li ngħataw. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat f'dan ir-rigward ma treġix. Madankollu, il-Qorti jidhrilha li jkun aktar xieraq li tistħarreġ dan l-ilment flimkien ma' dak li jitkellem dwar nuqqas ta' rimedju effettiv. Se tagħmel hekk aktar 'il quddiem f'din is-sentenza;

[29] Nota ta' sottomissjonijiet f'paġġ. 138 – 9 tal-proċess

Illi għalhekk, safejn l-azzjoni attriċi tolqot il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni, din il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi hija milquta bil-ġudikat;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-**ilment tal-ksur tal-jedd għall-ħarsien minn arrest illegali u arbitrarju**. Ir-rikorrent isejjes dan l-ilment tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li: "*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ....(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu jkun ġie misjub ħati; ...*". Għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li: "(1) *Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi: (a) id-detenzjoni skond il-liġi ta' persuna wara li tinstab ħatja minn qorti kompetenti .. (4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi... (5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens*";

Illi r-rikorrent ifisser li minkejja li jagħraf li qiegħed iservi sentenza mogħtija minn qorti li sabitu ħati, l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jagħtih il-jedd li jagħmel proċeduri biex il-legalità taż-żamma tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk tali żamma ma tkunx skond il-liġi. Huwa jisħaq li dik id-dispożizzjoni tal-liġi – li tinkorpora fiha r-rimedju tal-'*habeas corpus*' – tgħodd ukoll fejn każ ikun intemm b'sentenza ta' sejbien ta' ħtija mogħtija minn qorti.

Illi l-intimat Avukat Ġenerali jwarrab is-sottomissjonijiet tar-rikorrent. Jisħaq li ż-żamma tar-rikorrent fil-Faċilità Korrettiva ma tista' bl-ebda mod titqies li hija waħda arbitrarja jew bi ksur tal-liġi. Huwa jgħid li l-piena li r-rikorrent qiegħed iservi kienet ir-riżultat ta' proċediment rett u b'ħarsien ta' dak li titlob il-liġi. Il-fatt li l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-Pulizija ma tneħħietx mill-atti proċesswali ma jġibx li l-proċess kien milqut min-nuqqas hekk gravi li jissarraf f'"*mistrial*" jew f'raġuni li tinvalida s-sentenzi mogħtijin, kif il-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali kellhom l-okkażjoni li jgħidu fil-kawża l-oħra li r-rikorrent fetaħ biex jilminta minn ksur

tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Jgħid li difett proċedurali wieħed jew episodju li jista' jġib xi ħsara lill-persuna akkużata ma jniġġisx il-proċess kollu b'tali mod li jneħħi s-siwi ta' kull ħaġa oħra li tkun saret sewwa u b'ħarsien tal-liġi matul dak il-proċediment jekk, meta wieħed iqis il-proċess kollu, jirriżulta li sostanzjalment il-każ instema' b'ħaqq. Għall-kuntrarju, jekk wieħed jara l-atti proċesswali kollha quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali, għandu joħroġ ċar li lir-rikorrent ingħataw l-għodda kollha meħtieġa biex iressaq u jiddefendi l-każ tiegħu, mgħejjun f'kull stadju minn avukati ta' ħila u bla ma fl-ebda waqt qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija li kien ta. Joħroġ ċar ukoll li l-istqarrija tiegħu ma kinitx il-prova li biha nstab ħati (kemm hu hekk, kulma qal fl-istqarrija kien ċaħda li kellu b'xi mod x'jaqsam mal-każ) u li nstab ħati fuq is-saħħa ta' provi oħrajn;

Illi l-intimat allura jgħid li, ladarba s-sentenzi mogħtijin mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma humiex u la nulli u lanqas annullabbli, ma jistax jingħad li l-piena mogħtija (jew konfermata) f'dawk is-sentenzi hija arbitrarja jew bi ksur tal-liġi. Għalhekk, lanqas jista' jingħad li ż-żamma tar-rikorrent fil-Faċilita` Korrettiva biex iservi dawk is-sentenzi hija żamma arbitrarja jew bi ksur tal-liġi. Huwa jgħid li dik iż-żamma hija waħda miċ-ċirkostanzi li kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jqisu bħala detenzjoni li mhijiex bi ksur tal-jedd għal-libertà u s-sigurtà tal-persuna;

Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jiġbor fih garanzija proċedurali wkoll fejn persuna tkun instabet ħatja b'sentenza ta' qorti u tkun qiegħda sservi s-sentenza f'ħabs. Madankollu huwa mgħallem li "*the habeas corpus guarantees extend to all cases of deprivation of liberty provided for in the first paragraph of Article 5. The content of the obligation is not necessarily the same in all circumstances and as regards every category of deprivation of liberty. Where a national court, after convicting a person of a criminal offence, imposes a fixed sentence of imprisonment for the purposes of punishment, the supervision required by Article 5(4) is incorporated in that court decision. This view is based on the assumption that in those cases the judicial review of the lawfulness of the detention, which is guarateed by Article 5(4), has already taken place.*"[30]. Għalkemm ir-rimedju li jagħti l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jista' jintuża wkoll fejn, wara l-għoti ta' sentenza, tqum xi ċirkostanza jew fattur ġdid li jista' jolqot is-siwi jew il-legalità taż-żamma[31];

Illi l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[32]. Huwa miżmum li biex

---

[30] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* §9.7.2 f'paġ. 499; u K Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention onHuman Rights</u> (3rd Edit., 2008) §IIB – 369 f'paġ. 532
[31] Q.E.D.B. **2.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdulkhakov vs Russja*** (Applik. Nru. 14743/11) §208
[32] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224

arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*[33] u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[34]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[35];

Illi f'dan ir-rigward ingħad ukoll li "*compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention*"[36];

Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom), jisħqu dwar il-legalità tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalità hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik;

Illi r-rikorrent jgħid[37] li l-ilment tiegħu taħt din il-kawżali jikkonsisti fil-fatt li, bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. fil-każ tiegħu, instab li "parti integrali" li kienet sa mill-bidu tal-proċess kriminali tefgħet tebgħa fuq il-proċess kollu u saret bi ksur tal-jedd tiegħu li jkun mgħejjun minn avukat. Jidher sewwa li hawnhekk ir-rikorrent qiegħed jirreferi għall-istqarrija li huwa ħalla mal-Pulizija. Issa, li saret din id-dikjarazzjoni mill-Q.E.D.B., huwa jgħid li ma għandu l-ebda mod kif jista' jitlob rimedju quddiem qorti għaliex lanqas ir-rimedju taħt l-artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali ma jgħodd għal każ bħal tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-istqarrija u l-effetti ta' dan fuq is-sentenzi li ngħataw mill-Qrati ta' kompetenza kriminali ma jidhirx li tista' tintrabat ma' dak li hemm fis-sentenza tal-Q.E.D.B. dwar il-ksur

---

33 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.*, § 9.4.1 f'paġ. 463
34 *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f'pġ 481
35 Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25
36 Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Aden Ahmed vs Malta*** (Applik. Nru. 55352/12) § 141
37 Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 144 tal-proċess

tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Dan qiegħed jingħad għaliex l-argument tar-rikorrent donnu jimplika li l-fatt li huwa ta stqarrija bla ma ngħata l-jedd li jkun mgħejjun minn avukat iġib miegħu il-konsegwenza inevitabbli li kulma sar wara matul il-proċediment kriminali mniedi kontrih kien ukoll imtebba' bi ksur tal-imsemmi jedd;

Illi, għall-finijiet tal-istħarriġ li għandu jsir, irid jingħad li, minħabba li l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni jitkellem dwar "detenzjoni skond il-liġi" u mhux dwar "sejbien ta' ħtija skond il-liġi", l-istess artikolu ma jagħtix il-jedd lil qorti ta' indoli kostituzzjonali li tistħarreġ il-legalità tas-sejbien tal-ħtija jew imqar tas-sentenza jew it-tul taż-żmien ta' detenzjoni ordnat bis-saħħa tagħha[38]. Jidher li b'"legalità" għall-finijiet tal-artikolu 5(1), wieħed għandu jifhem in-nuqqas ta' arbitrarjetà fis-sens li ż-żamma f'ħabs trid tkun l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti[39] li tkun sabet persuna ħatja ta' akkuża mressqa fil-konfront tagħha u dment li l-qorti tkun waħda mogħtija s-setgħa li tisma' dik il-kawża. Ir-rabta bejn is-sejbiet tal-ħtija u ż-żamma tal-persuna hija essenzjali. Iżda iżjed minn hekk mhuwa mitlub xejn, għall-finijiet tal-eżenzjoni maħluqa bl-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u 5(1) tal-Konvenzjoni;

Illi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li ż-żamma tiegħu fil-ħabs hija l-frott ta' proċess null jew ta' xi ksur fid-dieher tal-ġustizzja. Il-Qorti ttenni li l-episodju tal-istqarrija meħuda mingħajr ma kien mgħejjun minn avukat ma jwassalx biex kemm il-proċess u kif ukoll is-sentenzi mogħtijin matulu jitqiesu li huma bla siwi[40]. Filwaqt li tagħmel tagħha l-biċċa l-kbira tas-sottomissjonijiet tal-intimat, il-Qorti żżid tgħid li ċ-ċirkostanza li dwarha r-rikorrent qiegħed iressaq dan l-ilment tiegħu kienet waħda li kien jaf biha matul iż-żmien li kien qiegħed jinstema' l-każ tiegħu quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali u li hu qatt ma qanqal f'dawk il-proċeduri. Tgħid ukoll li l-kwestjoni tal-piena li ngħata kienet tagħmel parti mill-ilmenti tiegħu f'waħda mill-kawżi kostituzzjonali li ressaq u dwar dak l-ilment ingħataw sentenzi li ma sabux li r-rikorrent kellu raġun. Dawk is-sentenzi wkoll jagħmlu ġudikat f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent ma semma l-ebda raġuni oħra għaliex iqis li ż-żamma tiegħu fil-faċilità korrettiva tikser il-jedd tiegħu għal-libertà u għall-ħarsien mid-detenzjoni arbitrarja;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd tiegħu għal-libertà u l-ħelsien mill-arrest arbitrarju mhuwiex mistħoqq u mhux ser jintlaqa';

---

[38] Ara Q.E.D.B. **2.3.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Weeks vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9787/82) § 50

[39] Ara Q.E.D.B. **24.6.1982** fil-kawża ***Van Droogenbroeck vs Belġju*** (Applik. Nru. 7906/77) § 35

[40] Ara, f'dan ir-rigward, Kost.**16.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Pierre Abdilla vs Avukat Ġenerali*** §§ 16 u 37

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti se tqis l-**ilment dwar nuqqas ta' rimedju effettiv.** Ir-rikorrent jgħid li, minkejja s-sejbien ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq mill-Q.E.D.B. fis-sentenza tagħha, baqa' ma ngħatax rimedju effettiv. Jgħid ukoll li l-iStat Malti naqas li jwettaq l-osservazzjoni tal-Q.E.D.B. (fis-sentenza li tat dwar l-ilment tiegħu) li, f'każ bħal tiegħu, ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kien jista' jissewwa billi jitħassru s-sentenzi u l-każ jerġa' jinstema' mill-ġdid. Jilminta wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li jinsab fil-proċedura dwar kawżi ta' bixra ċivili, ma jeżistix ir-rimedju tat-tħassir tas-sentenzi u s-smigħ mill-ġdid tal-każ f'kawżi ta' bixra kriminali. Minħabba f'hekk, jgħid li kellu jiftaħ din il-kawża biex jitlob rimedju effettiv għall-ksur li ġarrab u li baqa' ma ngħatax minkejja s-sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. u lanqas ma ngħata f'dik is-sentenza;

Illi, fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid li s-sentenza tal-Q.E.D.B. fil-każ tiegħu tatu biss kumpens fi flus bħala rimedju għaliex dik il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tħassar sentenzi ta' qorti nazzjonali u wkoll għaliex dik il-Qorti ma kellhiex quddiemha l-inkartament tal-atti tal-proċediment kriminali mniedi kontrih. Huwa jisħaq li, minkejja li ma jingħadx espressament hekk fis-sentenza tagħha, il-Q.E.D.B. għoddha irrakkomandat li l-aqwa rimedju li r-rikorrent seta' jingħata kien ikun dak tat-tħassir tas-sentenzi tal-Qrati kriminali u s-smigħ tal-każ mill-ġdid[41];

Illi l-intimat jisħaq li lanqas dwar dan l-ilment ma għandu raġun ir-rikorrent għaliex huwa mibni fuq premessa ħażina. Jiċħad li r-rikorrent baqa' bla rimedju effettiv għaliex jgħid li s-sentenza tal-Q.E.D.B. tatu r-rimedju li kien jistħoqqlu u li dak ir-rimedju kien effettiv għall-ksur li ġarrab. Jekk ir-rikorrent ried rimedju ieħor, ma jfissirx li b'daqshekk l-iStat Malti naqas milli jagħtihulu jew li għandu xi jedd li jinsisti kontra l-iStat biex tiddaħħal proċedura ġudizzjarja oħra. Minbarra dan, jgħid li mhuwiex minnu li l-liġi f'Malta ma tagħtix rimedju biex, fil-każ xieraq, wieħed iwaqqa' sentenza mogħtija minn Qorti ta' kompetenza kriminali. L-intimat jippuntwalizza li kienet l-istess Q.E.D.B. li, fis-sentenza tagħha fil-każ tar-rikorrent, ċaħdet l-ilment tiegħu bħala manifestament mhux mistħoqq. Itemm jgħid li r-rikorrent innifsu jagħti xhieda li jeżisti rimedju effettiv sewwasew billi fetaħ din il-kawża, u li biha jxejjen l-istess ilment tiegħu taħt dan l-artikolu tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali*";

[41] Huwa jirreferi għall-§ 129 tas-sentenza ta' dik il-Qorti

Illi ta' min jgħid li żewġ karatteristiċi ewlenin fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni huma l-kwalità anċillari tiegħu (fis-sens li jista' jitħaddem biss b'rabta ma' xi wieħed mill-jeddijiet imħarsin fl-istess Konvenzjoni bla ma jħaddan eżistenza awtonoma) u l-aspett tas-sussidjarjetà (fis-sens li jqiegħed fuq l-organi nazzjonali r-rabta li jħarsu u jwettqu b'mod effettiv il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali b'azzjoni pożittiva, qabel ma jkun meħtieġ li wieħed jirrikorri għar-rimedji għand il-Q.E.D.B.). Dawn il-karatteristiċi joħorġu mill-kliem fl-istess dispożizzjoni u t-tifsir li ngħatalhom mill-Q.E.D.B. minn żmien għal żmien;

Illi kemm hu hekk, huwa mgħallem li "*Article 13 enshrines the right to enforcement at the national level of the substance of the rights and freedoms set out in the Convention, regardless of the form in which these rights may be secured within the domestic legal order. It requires the national authorities to ensure that there is a domestic remedy that allows the competent national authority to address the substance of a complaint under the Convention and to provide appropriate relief. Thereby, article 13, 'giving direct expression to the States' obligation to protect human rights first and foremost within their own legal system, establishes an additional guarantee for an individual in order to ensure that he or she effectively enjoys those rights'. .. .. .. States have some discretion in the manner in which they abide by this obligation, whose scope will vary depending upon the nature of the complaint of a violation of the Convention. However, the remedy must be effective in practice as well as in law. .. .. .. The Convention does not impose any obligation that it be incorporated into domestic law. However, by virtue of article 1 the substance of the rights and freedoms that it sets out must be secured within the domestic legal order in one form or another. .. .. .. Article 13 is also related to article 6(1), whereby a right to access to a court is ensured*"[42];

Illi, b'żieda ma' dan, jingħad ukoll li "*the 'authority' before which an effective remedy must be available within the meaning of Article 13 need not be a judicial authority but, if it is not, both the powers and the procedural guarantees that it affords are considered as 'relevant' factors for determining the effectiveness or not of the remedy at issue. Second, when ascertaining effectiveness of remedies, the Strasbourg organs have allowed a cumulative evaluation in favour of national authorities in that although no single remedy may itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided under domestic law may do so. .. .. Further, the notion of effectiveness is construed as ensuring either the prevention of the alleged violation, or the provision of adequate redress, including compensation, for a victim of a violation*"[43];

---

[42] W. A. Schabas The European Convention on Human Rights – A Commentary (OUP 2017) paġġ. 550 – 1
[43] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* § 32.4 paġ. 1006

Illi, kif semmiet aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti qiegħda tqis li t-talba tar-rikorrent taħt din il-kawżali qiegħda tintrabat man-nuqqas ta' rimedju proċedurali formali li huwa jgħid li l-iStat Malti naqas li jdaħħal fis-sistema proċedurali tagħna. B'dan il-mod, il-Qorti ssib li r-rikorrent jorbot tali kawżali ma' (ksur ta') l-jedd ta' aċċess għal qorti jew tribunal imparzjali li huwa wieħed mill-elementi li jaqa' fl-ambitu tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, din ir-rabta toqgħod ma' dak li ngħad qabel dwar il-karattru sussidjarju tad-dritt imħares fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrent jissottometti wkoll li t-talba tiegħu għall-għoti ta' rimedju effettiv jorbotha mal-istat taż-żamma jew detenzjoni tiegħu bi twettiq tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan ukoll jissoddisfa l-element tar-rabta tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma' ksur ta' jedd ieħor 'sostantiv' tal-istess Konvenzjoni – f'dan il-każ, l-artikolu 5. Iżda ladarba l-Qorti diġà sabet li ma jirriżultax li r-rikorrent qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-istess artikolu 5, ma jidhrilhiex li għandha tistħarreġ it-talba tiegħu għall-għoti ta' rimedju effettiv b'riferenza għaż-żamma tiegħu fil-faċilità korrettiva. Tqis ukoll li kieku kien minnu li s-sentenza tal-Q.E.D.B. kienet ordnat it-tħassir tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali jew tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-każ (ħaġa li r-rikorrent innifsu jgħid li l-Q.E.D.B. ma għamlitx), kien ikollu raġun biex ibigħ l-intimat Avukat Ġenerali meta jgħid li r-rikorrent seta' ma qagħad jiftaħ xejn din il-kawża u jinqeda bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 6 tal-Kap 319 u jitlob lill-Qorti Kostituzzjonali tordna l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza f'Malta;

Illi, fl-ewwel lok, il-Qorti tibda biex tqis bħala sfortunat l-argument tar-rikorrent fejn jgħid li kienet l-istess Q.E.D.B. li ssuġġeriet li r-rimedju effettiv li jixraqlu jingħata kellu jkun dak tat-tħassir tas-sentenzi mogħtjin mill-Qrati ta' kompetenza kriminali u s-smigħ mill-ġdid tal-każ. Il-paragrafu tas-sentenza li jsemmi (jiġifieri §129) ma jgħidx hekk: għall-kuntrarju, jgħid espressament li l-Qrati (Maltin) ta' kompetenza kostituzzjonali jew 'konvenzjonali' kienu jistgħu jagħtuh rimedju effettiv li, seta' jinkludi jekk meħtieġ, is-smigħ mill-ġdid tal-każ. Minbarra dan, ħabat li l-istess paragrafu jagħmel minn dik il-parti tas-sentenza li kienet tittratta t-talba tiegħu taħt l-artikolu 13 u liema talba l-Q.E.D.B. ċaħdet billi sabitha manifestament mhux mistħoqqa[44];

Illi, fit-tieni lok, huwa aċċettat li r-rimedji li l-Q.E.D.B. tagħti jew tordna li jittieħdu permezz tas-sentenzi tagħha jridu jkunu jidhru mill-korp tal-istess sentenzi u mhux billi wieħed jaħseb x'seta' kellha f'moħħha dik il-Qorti jew x'jista' jinstilet mill-kliem tas-sentenza[45];

[44] § 131 tas-sentenza
[45] Ara Kost. **28.12.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Aloisio et vs Avukat Ġenerali***

Illi, fit-tielet lok, huwa fatt li, formalment, il-liġi proċedurali kriminali fis-sistema Maltija sallum ma jipprovdix għar-rimedju proċedurali tar-ritrattazzjoni ta' sentenzi li jkunu saru ġudikat. Madankollu, xieraq jingħad li l-Konvenzjoni ma fiha l-ebda dispożizzjoni li torbot Stat li jdaħħal fis-sistemi proċedurali tiegħu – ċivili jew kriminali – xi proċediment partikolari. Minbarra dan, il-fatt li l-leġislatur ma deherlux li kellu jdaħħal fis-sistema proċedurali kriminali ta' Malta l-istitut tar-ritrattazzjoni ma żammx b'hekk milli Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jistgħu jagħtu rimedju xieraq f'każ li jsibu ksur ta' xi jedd fundamentali marbut ma' proċedimenti ta' bixra kriminali jew sejbien ħażin ta' ħtija matulhom[46]. Dan ir-rimedju kien jinkludi t-tħassir ta' sentenza li tkun ingħatat[47] jew it-tħassir ta' sentenza b'ordni li l-każ jerġa' jinstama' mill-ġdid[48]. Kemm hu hekk, f'ċirkostanza bħal din rimedju bħal dan ingħata minkejja li, sa dak il-waqt, ma kienx għadu seħħ ksur ta' jedd fundamentali, imma liema ksur kien iseħħ li kieku ma tħassrux is-sentenzi[49];

Illi dan ifisser li, għall-anqas, ma jistax jingħad li hemm ċaħda ta' rimedju jew ta' aċċess għal qorti wkoll f'każijiet bħalma kien sab ruħu fih ir-rikorrent. F'dan ir-rigward, imma, il-Qorti temmen li jekk tali rimedju jista' jinkiseb billi wieħed jiftaħ kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, b'dak kollu li kawża bħal din titlob, forsi wasal iż-żmien li l-leġislatur jista' jikkunsidra li jkun aktar għaqli li tiddaħħal proċedura speċifika ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qrati "ordinarji" ta' kompetenza kriminali ħalli b'hekk jonqsu l-azzjonijiet "straordinarji" ta' lmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali u tiżdied għodda oħra li biha wieħed jista' jeżawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ma jkollu għalfejn idur għar-rimedji straordinarji kostituzzjonali;

Illi, f'kull każ, wara dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas dan l-ilment tar-rikorrent ma jirriżulta mistħoqq billi jidhrilha li jeżistu meżżi ta' fejda li bihom jista' jingħata rimedju effettiv ukoll f'każijiet bħal dak tiegħu. Għalhekk, it-tieni talba tiegħu mhijiex sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal dawn il-fehmiet, ma jifdal l-ebda ħtieġa li tqis it-**tielet talba** attriċi. Fiċ-ċirkostanzi, ma hemm l-ebda ordni li l-Qorti tista' tagħmel. Lanqas tara li għandha tagħti xi provvediment jew direttiva bħal dawk li r-rikorrent isemmi fl-imsemmija talba tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[46] Kost. **6.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.66**)
[47] Ara, b'eżempju, Kost. **9.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Spett. Louise Calleja et*** § 50
[48] Kost. **2.3.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Camilleri vs Avukat Ġenerali*** § 30
[49] Kost. **2.3.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Camilleri vs Avukat Ġenerali*** § 29

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma jirriżultax li l-istat attwali ta' inkarċerazzjoni tar-rikorrent huwa bi ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni; filwaqt li, safejn l-istess talba tintrabat mal-jedd imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni dwar is-siwi tal-istqarrija mħollija mal-Pulizija, din tinsab milquta mill-ġudikat;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi l-fatt li l-liġi ma tagħtix ir-rimedju tar-ritrattazzjoni minn sentenzi mogħtija minn Qrati ta' kompetenza kriminali ma huwiex jikser il-jedd tar-rikorrent għal rimedju effettiv għal xi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** billi din hija konsegwenzjali għal u marbuta maż-żewġ talbiet ta' qabilha; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Ottubru, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Ottubru, 2018**